# Minuti tat-38 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

It-38 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2013 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u l-Membri s-Sinjuri Luciano Farrugia, Mario Bartolo u Joseph Agius.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-37 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia staqsa dwar is-sejħa għall-offerti biex isir ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżebb. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-sejħa pubblika għall-offerti kienet inħarġet u din tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 5 t'April, 2013 f'nofsinhar.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat l-ittra ta' riżenja mibgħuta mis-Sur Joseph Agius, Membru tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's li ġie elett fil-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Fl-ittra tiegħu s-Sur Agius irringrazzja lill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kumitat ġie nfurmat illi l-applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja biex isir ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżebb ma ġietx milqugħa.

Item 5 – Xogħol tal-Kunsill

Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Joseph Agius għall-ħidma li hu wettaq bħala membru fil-Kumitat Amministrattiv.

Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel ukoll li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Domenic Agius għall-għajnuna u l-appoġġ li dejjem ta lill-Kumitat Amministrattiv fil-kariga tiegħu bħala Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar.

Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat ittra lill-Onorevoli Josè Herrera, Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali fejn il-Kumitat jifraħ lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-ħatra tiegħu bħala Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali.

Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li jibgħat ukoll ittra ta' ringrazzjament lill-Onorevoli Dr Stefan Buontempo għax-xogħol tiegħu fil-qasam tal-Gvern Lokali.

Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat ittra lis-Sur Quinton Scerri fejn jawgurawlu għall-kariga ġdida li ser ikollu bħala Sindku.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Bartolo talab li jinżebgħu *stop signs* u marki oħra tat-traffiku fi Triq il-Berebies. Iċ-*Chairperson* talbet li jiġi rranġat *cover* li qiegħed imdendel ma' bozza fi Triq San Leonardu.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fid-disgħa u tletin laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 11 t'April, 2013.

Marie Elena Debattista
*Chairperson*